



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 102/19**  
il-Lussemburgu, 29 ta' Lulju 2019

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-418/18 P  
Puppinck et vs Il-Kummissjoni

**L-Avukat Ġenerali Bobek: il-Qorti Ġenerali kienet korretta meta kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tissottomettix proposta leġislattiva fil-kuntest tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej “Wieħed Minna”**

Skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>, iċ-ċittadini tal-Unjoni, li l-għadd tagħhom ma jkunx inqas minn miljun u li jkunu ċittadini ta' mill-inqas kwart tal-Istati Membri kollha, jistgħu jieħdu l-inizjattiva li jitolbu lill-Kummissjoni, fil-qafas tal-kompetenzi mogħtija lilha, tipproponi lil-leġislatur Ewropew jadotta att legali għall-finijiet tal-implimentazzjoni tat-Trattati (l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, iktar 'il quddiem l-“IĊE”). Qabel ma jkunu jistgħu jibdeu jiġbru n-numru ta' firem meħtieġ, l-organizzaturi tal-inizjattiva għandhom jirreġistrawha mal-Kummissjoni, li teżamina b'mod partikolari s-suġġett u l-għanijiet tagħha.

Patrick Grégor Puppinck u sitt persuni oħra (iktar 'il quddiem l-“appellanti”) jiformaw il-kumitat taċ-ċittadini tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej imsejħa “Uno di noi” (“Wieħed Minna”) li ġiet irreġistrata mal-Kummissjoni fl-2012. L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li tiġi stabbilita projbizzjoni u li jitwaqqaf il-finanzjament, mill-Unjoni, ta' attivitajiet li jimplikaw il-qerda ta' embrijuni umani, inkluż il-finanzjament dirett jew indirett tal-abort. Wara r-reġistrazzjoni tagħha, l-inizjattiva ġabret miljun firma kif meħtieġ qabel ma ġiet sottomessa uffiċjalment lill-Kummissjoni fil-bidu tal-2014. Fit-28 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni ddikjarat f'komunikazzjoni<sup>2</sup> li hija ma kellhiex l-intenzjoni li tiegħu azzjoni.

Peress li ma kinux issodisfatti bil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, l-awturi tal-inizjattiva kienu talbu l-annullament tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali. Fid-deċiżjoni tagħha<sup>3</sup>, il-Qorti Ġenerali ddikjarat l-ewwel nett li r-rikors kien inammissibbli sa fejn kien ġie ppreżentat mill-entità msejħa “European Citizens' Initiative One of Us”, bla ħsara għall-ammissibbiltà tar-rikors sa fejn kien ġie ppreżentat ukoll mis-seba' persuni fiżiċi li jikkostitwixxu l-kumitat taċ-ċittadini tal-IĊE. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali sabet li l-komunikazzjoni kienet tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat li jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament. Fl-aħħar nett, hija ċaħdet il-ħames motivi mressqa mill-appellanti u ċaħdet ir-rikors.

Permezz ta' dan l-appell, l-appellanti jsostnu li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha twarrab is-sentenza tal-Qorti Ġenerali u tannulla l-komunikazzjoni. Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(4) TUE kif ukoll tar-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej<sup>4</sup>, li wettqet analiżi żbaljata tal-komunikazzjoni, li użat livell inkorrett ta' sfharriġ, li evalwat b'mod inkorrett ir-raġunijiet mogħija fil-komunikazzjoni u, fl-aħħar nett, li l-Qorti Ġenerali kkaratterizzat b'mod żbaljat l-għan tal-IĊE inkwistjoni.

Fil-konklużjonijiet tal-lum, l-Avukat Ġenerali Michal Bobek josserva li din hija l-ewwel kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li tirrigwarda s-segwitu mogħti mill-Kummissjoni fil-każ ta' “IĊE li tkun ġabret n-numru ta' firem meħtieġ” u li “Wieħed Minna” hija waħda mill-erba' IĊE li sal-lum kisbu n-numru ta' firem meħtieġ. Huwa josserva li dan il-fatt iwassal għal żewġ kwistjonijiet ta' prinċipju

<sup>1</sup> Artikolu 11(4) TUE.

<sup>2</sup> COM(2014) 355 final.

<sup>3</sup> Kawża: [T-561/14](#) One of Us et vs Il-Kummissjoni, ara l-Istqarrija għall-Isampa [Nru 52/18](#).

<sup>4</sup> Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU 2011, L 65, p. 1)

importanti mqajma mill-kawża preżenti: l-ewwel nett, il-Kummissjoni hija obbligata tissottometti proposti leġiżlattivi konkreti wara IĊE li tkun ġabret n-numru ta' firem meħtieġ? It-tieni nett, liema livell ta' sħarriġ ġudizzjarju għandu jiġi applikat meta tiġi evalwata l-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni wara IĊE li tkun ġabret n-numru ta' firem meħtieġ?

Sussegwentement, l-Avukat Ġenerali jkompli billi jittratta kull wieħed mill-ħames aggravji. Huwa jissuġġerixxi li l-ewwel aggravju bbażat fuq l-interpretazzjoni inkorretta tat-Trattat u tar-Regolament IĊE għandu jiġi miċħud bħala infondata. Huwa tal-fehma li l-argumenti tal-appellanti f'dan ir-rigward la ma huma sostnuti mill-formulazzjoni jew mill-orijini tad-dispożizzjonijiet rilevanti, la minn kunsiderazzjoni sistematika u kumentwali tal-mekkaniżmu IĊE fi ħdan il-proċess deċiżjonali interistituzzjonali, u lanqas mill-għanijiet u mill-iskopijiet (identifikati sew) tal-IĊE.

F'dan il-kuntest l-Avukat Ġenerali jissuġġerixxi li l-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll l-orijini ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jindikaw b'mod ċar li **I-ĊE la kienet maħsuba u lanqas abbozzata b'tali mod li timponi obbligu fuq il-Kummissjoni li tadotta l-proposta mitluba**. L-istess jirriżulta mill-kuntest sistemiku u istituzzjonali li fih titqiegħed l-IĊE. Huwa josserva li l-interpretazzjoni ssuġġerita mill-appellanti tfixkel il-bilanċ istituzzjonali leġiżlattiv. Dan ikun ifisser li IĊE sostnut minn grupp ta' iktar minn miljun ċittadin ikollha s-setgħa ta' inizjattiva li teċċedi dik tal-Parlament Ewropew elett direttament b'mod demokratiku kif ukoll dik tal-Kunsill, leġittimizzata b'mod demokratiku għalkemm indirettament. Fil-prattika, frazzjoni (vokali) taċ-ċittadini Ewropej jingħataw iktar saħħa miż-żewġ istituzzjonijiet tal-Unjoni li huma direttament u indirettament legittimizzati minn (potenzjalment) iċ-ċittadini Ewropej kollha.

Għal dak li jirrigwarda l-valur miżjud tal-IĊE fil-pjan istituzzjonali attwali tagħha kif stabbilit fit-TUE u fir-Regolament IĊE, l-Avukat Ġenerali josserva li jidher li **I-ĊE hija ħafna iktar minn riferiment purament simboliku għad-demokrazija parteċipattiva. Hija tikkostitwixxi mezz istituzzjonali li jippermetti li jitqajmu kwistjonijiet ta' politika li jinteressaw grupp ta' ċittadini**. Hija tagħti viżibbiltà lil kwistjonijiet li jkun ta' interess għaċ-ċittadini, li jistgħu ma jkunux diġà fuq l-aġenda ta' l-istituzzjonijiet jew anki fuq l-aġenda tal-gruppi politiċi rrappreżentati fil-Parlament Ewropew. Hija tippermetti aċċess dirett għall-istituzzjoni li, fis-sistema istituzzjonali *sui generis* li hija speċifika għall-Unjoni, għandha s-setgħa ta' inizjattiva leġiżlattiva. Barra minn hekk, hija tobligha lil dik l-istituzzjoni – il-Kummissjoni – li tiegħu effettivament inkunsiderazzjoni u li tevalwa l-proposti ta' IĊE li tkun ġabret in-numru ta' firem meħtieġ, u li tagħmel hekk pubblikament u suġġetta għall-iskrutinju pubbliku.

Meta jissuġġerixxi li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud, l-Avukat Ġenerali Bobek isostni li, kuntrarjament għal dak li jallegaw l-appellanti, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament IĊE billi tippreżenta l-konklużjonijiet tagħha b'mod li jippermetti li tinftiehem in-natura legali u politika tal-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fiha.

It-tielet aggravju jqajjem il-kwistjoni kruċjali dwar il-livell ta' sħarriġ li l-qrati tal-Unjoni għandhom japplikaw għal komunikazzjoni li jkun fiha deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-segwitu li għandu jingħata lil IĊE li tkun ġabret n-numru ta' firem meħtieġ. Fil-każ ineżami l-Avukat Ġenerali josserva li, b'mod ġenerali, f'oqsma fejn id-diskrezzjoni tal-Kummissjoni hija wiesgħa ħafna, kif ġie osservat b'konnessjoni mal-ewwel aggravju, il-livell korrelattiv ta' sħarriġ ġudizzjarju huwa wieħed limitat. Livell limitat ta' sħarriġ huwa neċessarju minħabba l-portata politika tas-setgħa ta' inizjattiva tal-Kummissjoni, li intrinsikament tinvolvi r-rikonċiljazzjoni ta' interessi diverġenti u l-għażla ta' għażliet politiċi. Tali portata toriġina wkoll min-natura politika tal-evalwazzjoni ċentrali fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' kif u jekk għandu jingħata segwitu għal IĊE li tkun ġabret in-numru ta' firem meħtieġ, bħala parti mis-setgħa ta' inizjattiva tagħha. **Il-qrati tal-Unjoni ma jistgħux jissostitwixxu l-evalwazzjoni politika tal-Kummissjoni, li abbażi tagħha hija tiddeċiedi jekk tibdiex il-proċess deċiżjonali billi teżerċita s-setgħa ta' inizjattiva tagħha**.

L-Avukat Ġenerali Bobek jipproponi wkoll li r-raba' u l-ħames aggravju, li jirrigwardaw rispettivament żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u karatterizzazzjoni allegatament żbaljata tal-IĊE, jiġu miċħuda.

---

**NOTA:** Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi adita b'appell, limitat għall-punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk l-appell ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ li l-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' taqta' t-tilwima hija stess. Jekk dan ma jkunx il-każ, hija tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali, li hija marbuta mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell.

---

*Dokument mhux uffċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106*